MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 536/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**Vs**

**Makine Ihsane Fatnassi**

Illum 3 ta' Gunju 2013,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Makine Ihsane Fatnassi bin Faroque u Hanifatt, imwieled Decines-Charpieu gewwa Franza nhar it- 23 ta' Settembru 1993, residenti gewwa 12, Triq Sir Patrick Stuart, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita Franciza bin-numru 120342304046

Akkuzat:

1. Talli fit- 2 ta' Gunju 2013 ghall- habta ta 5:50hrs, gewwa Triq Rue D'Argens, Gzira, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta' Muizz Addin Salama detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 391502L u cioe' vettura ta' l-ghamla Fiat Bravo bin-numru ta' registrazzjoni ELP777, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros116.47 izda anqas minn Euros1164.67, (Art.325 Kap.9).

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, bi ksur tal-Art 338(dd) tal-Kap 9.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamilt atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offendejt il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, bi ksur tal-Art 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lill haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurjat b'mod li hrigt barra mill-limiti, bi ksur tal-Art 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lili haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti, bi ksur tal-Art 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissiet lill-imputat bil-

konsegwenzi ta’ l-ammissjoni u wissietu illi l-piena massima hija ta’ sena prigunerija u ammenda ta’ seba’ u tmenin Euro (€87.00) u taghtu zmien jikkonsulta ma’ l-avukat tieghu u cio nonostante l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat il-verbal tal-Ufficjal Prosekutur li d-danni kagunati fuq il-vettura kienu ta’ elf u sebghin Euro u disa’ u tmenin centezmu (€ 1,070, 89), kif jirrizulta wkoll minn Dok JS3.

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba u  mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, li l-fedina penali tieghu hija netta, l-eta’ tieghu u li huwa lest li jhallas ghal hsara minnu kagunata.

Ikkunsidrat ukoll illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fir-raba’ wahda, u li l-hames imputazzjoni hija repetizzjoni tar-raba’ wahda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  l-Artikoli 325(1)(b), 338(dd), 338(bb) 339(e)  tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur prigunerija, izda  fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett (3) snin , ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ghal hlas ta’ ammenda ta’ seba’ u tmenin Euro (€87.00).

In oltre, ai termini ta’ l-Artikolu 28(H)(1) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta’ elf u sebghin Euro u disa’ u tmenin centezmu (€ 1,070, 89)

lill-parti offiza fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti danni kagunati lill-vettura Fiat Bravo bin-numru ta' registrazzjoni ELP 777.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Il-Qorti tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien preskritt mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------